

# Linji Gwida



## **Linji Gwida 07/2022 dwar iċ-ċertifikazzjoni bħala għodda għat-trasferimenti**

**Verżjoni 2.0**

**Adottati fl-14 ta' Frar 2023**

Translations proofread by EDPB Members.  
This language version has not yet been proofread.

## REKORD TAL-VERŻJONIJIET

Verżjoni 1.0	L-14 ta' Ġunju 2022	Adozzjoni tal-Linji Gwida għal konsultazzjoni pubblika
Verżjoni 2.0	L-14 ta' Frar 2023	Adozzjoni tal-Linji Gwida wara konsultazzjoni pubblika

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-GDPR jirrikjedi fl-Artikolu 46 tiegħu li l-esportaturi tad-*data* għandhom jimplementaw salvagwardji xierqa għat-trasferimenti ta' *data* personali lejn pajjiżi terzi jew lejn organizzazzjonijiet internazzjonali. Għal dak il-għan, il-GDPR jiddiversifika s-salvagwardji xierqa li jistgħu jintużaw mill-esportaturi tad-*data* skont l-Artikolu 46 għat-tfassil tat-trasferimenti lejn pajjiżi terzi billi jintroduċi fost l-oħrajn, ċertifikazzjoni bħala mekkaniżmu ta' trasferiment ġdid (l-Artikoli 42(2) u 46(2)(f) tal-GDPR).

Dawn il-linji gwida jipprovdu gwida rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 46(2)(f) tal-GDPR dwar it-trasferimenti ta' *data* personali lejn pajjiżi terzi jew lejn organizzazzjonijiet internazzjonali abbażi ta' ċertifikazzjoni. Id-dokument huwa strutturat f'erba' taqsimiet b'Anness.

L-ewwel Parti ta' dan id-dokument ("ĠENERALI") tikkjarifika li l-linji gwida jissupplimentaw il-Linji Gwida 1/2018 ġenerali diġà eżistenti dwar iċ-ċertifikazzjoni u tindirizza rekwiżiti speċifiċi mill-Kapitolu V tal-GDPR meta ċ-ċertifikazzjoni tintuża bħala għodda ta' trasferiment. Skont l-Artikolu 44 tal-GDPR, kwalunkwe trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiżi terzi jew lejn organizzazzjonijiet internazzjonali, irid jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-GDPR minbarra li jikkonforma mal-Kapitolu V tal-GDPR. Għalhekk, bħala l-ewwel pass, trid tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-GDPR u, bħala t-tieni pass, iridu jiġu rrispettati d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tal-GDPR. L-atturi li huma involuti u r-rwoli ewlenin tagħhom f'dan il-kuntest huma deskritti, b'enfasi speċjali fuq ir-rwol tal-importatur tad-*data* li jkun se jingħata ċertifikazzjoni u tal-esportatur tad-*data* li jkun se jużaha bħala għodda biex ifassal it-trasferimenti tiegħu (meta jitqies li r-responsabbiltà għall-konformità mal-ipproċessar tad-*data* tibqa' tal-esportatur tad-*data*). F'dan il-kuntest, iċ-ċertifikazzjoni tista' tinkludi wkoll miżuri li jissupplimentaw l-għodod ta' trasferiment biex tiġi żgurata l-konformità mal-livell ta' protezzjoni tad-*data* personali tal-UE. L-ewwel parti tal-linji gwida fiha wkoll informazzjoni dwar il-proċess għall-kisba ta' ċertifikazzjoni li għandha tintuża bħala għodda għat-trasferimenti.

It-tieni parti ta' dawn il-linji gwida ("L-IMPLIMENTAZZJONI TA' GWIDA DWAR IR-REKWIŻITI TA' AKKREDITAMENT") tfakkar li r-rekwiżiti għall-akkreditament ta' korp ta' ċertifikazzjoni jistgħu jinstabu fl-ISO 17065 u billi l-linji gwida 4/2018 dwar l-akkreditament tal-korpi ta' ċertifikazzjoni jiġu interpretati skont l-Artikolu 43 tal-GDPR u l-Anness tiegħu fl-isfond tal-Kapitolu V. Madankollu, fil-kuntest ta' trasferiment, dawn il-linji gwida jispjegaw ulterjorment uħud mir-rekwiżiti ta' akkreditament applikabbli għall-korp ta' ċertifikazzjoni.

It-tielet parti ta' dawn il-linji gwida ("KRITERJI SPEĊIFIĊI TA' ĊERTIFIKAZZJONI") tipprevedi gwida dwar il-kriterji ta' ċertifikazzjoni diġà elenkati fil-Linji Gwida 1/2018 u tistabbilixxi kriterji speċifiċi addizzjonali li għandhom jiġu inklużi f'mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni li għandu jintuża bħala għodda għat-trasferimenti lejn pajjiżi terzi. Dawn il-kriterji jkopru l-valutazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz, l-obbligi ġenerali tal-esportaturi u tal-importaturi, ir-regoli dwar it-trasferimenti ulterjuri, ir-rimedju u l-infurzar, il-proċess u l-azzjonijiet għal sitwazzjonijiet li fihom il-leġiżlazzjoni u l-prattiki nazzjonali jipprevjenu l-konformità mal-impjenji meħuda bħala parti miċ-ċertifikazzjoni u t-talbiet għall-aċċess għad-*data* minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi.

Ir-raba' parti ta' dawn il-linji gwida ("IMPENJI VINKOLANTI U INFURZABBLI LI GĦANDHOM JIĠU IMPLIMENTATI") tipprovdi elementi li għandhom jiġu indirizzati fl-impjenji vinkolanti u infurzabbli li l-kontrolluri jew il-proċessuri li ma humiex soġġetti għall-GDPR għandhom jieħdu sabiex jipprovdu salvagwardji xierqa għad-*data* trasferita lejn pajjiżi terzi. Dawn l-impjenji, li jistgħu jiġu stabbiliti fi strumenti differenti li jinkludu l-kuntratti, għandhom jinkludu b'mod partikolari garanzija li l-importatur ma għandu l-ebda raġuni biex jemmen li l-liġijiet u l-prattiki fil-pajjiż terz applikabbli għall-

iproċessar inkwistjoni, inkluż kwalunkwe rekwiżit biex tiġi żvelata *data* personali jew miżuri li jawtorizzaw l-aċċess mill-awtoritajiet pubbliċi, iwaqqfuh milli jissodisfa l-impenji tiegħu skont iċ-ċertifikazzjoni.

L-ANNESS ta' dawn il-linji gwida fih xi eżempji ta' miżuri supplimentari f'konformità ma' dawk elenkati fir-Rakkomandazzjonijiet 01/2020 tal-Anness II (ir-Rakkomandazzjonijiet 01/2020 dwar miżuri li jissupplimentaw l-għodod ta' trasferiment biex tiġi żgurata l-konformità mal-livell ta' protezzjoni tad-*data* personali tal-UE) fil-kuntest tal-użu ta' ċertifikazzjoni bħala għodda għat-trasferimenti. L-eżempji huma mfasla bil-għan li tingħata attenzjoni lil sitwazzjonijiet kritiċi.

## WERREJ

<b>Rekord tal-verżjonijiet .....</b>	<b>2</b>
<b>SOMMARJU EŻEKUTTIV .....</b>	<b>3</b>
<b>1 ĠENERALI .....</b>	<b>6</b>
1.1 Għan u kamp ta' applikazzjoni .....	6
1.2 Regoli ġenerali applikabbli għat-trasferimenti internazzjonali .....	6
1.3 Min huma l-atturi involuti u x'inhom r-rwol tagħhom għaċ-ċertifikazzjoni bħala għodda għat-trasferimenti? .....	8
1.4 X'inhuma l-kamp ta' applikazzjoni u l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni bħala għodda għat-trasferimenti? .....	9
1.5 X'għandu jkun ir-rwol tal-esportatur fl-użu taċ-ċertifikazzjoni bħala għodda għat-trasferimenti? .....	9
1.6 X'inhom l-proċess għaċ-ċertifikazzjoni bħala għodda għat-trasferimenti? .....	10
<b>2 IMPLIMENTAZZJONI TA' GWIDA DWAR IR-REKWIŻITI TA' AKKREDITAMENT .....</b>	<b>12</b>
<b>3 KRITERJI TA' ĊERTIFIKAZZJONI SPEĊIFIĊI .....</b>	<b>12</b>
3.1 IMPLIMENTAZZJONI TA' GWIDA DWAR IL-KRITERJI TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI.....	13
3.2 KRITERJI SPEĊIFIĊI ADDIZZJONALI TA' ĊERTIFIKAZZJONI.....	14
1. Valutazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-pajjiż terz.....	14
2. Obbligi ġenerali tal-esportaturi u tal-importaturi .....	14
3. Regoli dwar trasferimenti ulterjuri.....	15
4. Rimedju u infurzar .....	15
5. Il-proċess u l-azzjonijiet għal sitwazzjonijiet li fihom il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevjeni l-konformità mal-impjenji meħuda bħala parti miċ-ċertifikazzjoni.....	15
6. It-trattament tat-talbiet għall-aċċess għad- <i>data</i> minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi .....	15
7. Salvagwardji addizzjonali li jikkonċernaw l-esportatur .....	16
<b>4 IMPENJI VINKOLANTI U INFURZABBLI LI GĦANDHOM JIĠU IMPLIMENTATI.....</b>	<b>16</b>
<b>ANNESS.....</b>	<b>19</b>
A. EŻEMPJI TA' MIŻURI SUPPLIMENTARI LI GĦANDHOM JIĠU IMPLIMENTATI MILL-IMPORTATUR F'KAŻ LI T-TRANŻITU JKUN INKLUŻ FL-AMBITU TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI .....	19
B. EŻEMPJI TA' MIŻURI SUPPLIMENTARI F'KAŻ LI T-TRANŻITU MA JKUNX KOPERT MIĊ-ĊERTIFIKAZZJONI U L-ESPORTATUR GĦANDU JIŻGURA DAWN .....	20

## Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70(1)(e) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (minn hawn 'il quddiem "GDPR"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

### ADOTTA L-LINJI GWIDA LI ĠEJJIN

## 1 ĠENERALI

### 1.1 Għan u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan id-dokument ifittex li jipprovdi gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 46(2)(f) tal-GDPR dwar it-trasferimenti ta' *data* personali lejn pajjiżi terzi jew lejn organizzazzjonijiet internazzjonali abbażi taċ-ċertifikazzjoni. L-EDPB diġà ppubblika gwida ġenerali dwar iċ-ċertifikazzjoni<sup>2</sup> u l-akkreditament<sup>3</sup> skont il-GDPR. Għalhekk, dawn il-linji gwida l-ġodda jirriflettu biss l-aspetti speċifiċi fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni bħala għodda għat-trasferimenti. Dawn jispeċifikaw l-applikazzjoni tal-Artikoli 46(2)(f) u 42(2) tal-GDPR billi jipprovdu gwida Prattika f'dan ir-rigward u jintroduċu elementi ġodda għal-linji gwida diġà ppubblikati.
2. L-EDPB se jevalwa l-funzjonament ta' dawn il-linji gwida fid-dawl tal-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tagħhom fil-prattika u se jipprovdi gwida ulterjuri biex jikkjarifika l-applikazzjoni tal-elementi elenkati hawn taħt inkluż ir-rwol tal-ftehim ta' ċertifikazzjoni fir-rigward tal-impenji vinkolanti u infurzabbli msemmija fl-Artikolu 46(2)(f) tal-GDPR.

### 1.2 Regoli ġenerali applikabbli għat-trasferimenti internazzjonali

3. Skont l-Artikolu 44 tal-GDPR, kwalunkwe trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiżi terzi<sup>4</sup> jew lejn organizzazzjonijiet internazzjonali jrid jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-GDPR minbarra li jikkonforma mal-Kapitolu V tal-GDPR. Għaldaqstant, kull trasferiment irid jikkonforma fost l-oħrajn mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* fl-Artikolu 5 tal-GDPR, ikun legali f'konformità mal-Artikolu 6 tal-GDPR u jkun jikkonforma mal-Artikolu 9 tal-GDPR fil-każ ta' kategoriji speċjali ta' *data*. Għalhekk, irid jiġi applikat test b'żewġ stadji. Bħala l-ewwel stadju, trid tiġi żgurata l-konformità mad-

---


<sup>1</sup> Referenzi għal "Stati Membri" magħmula tul dan id-dokument għandhom jinftiehem bħala referenzi għal "Stati Membri taż-ŻEE".

<sup>2</sup> Il-Linji gwida 1/2018 dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-identifikazzjoni ta' kriterji taċ-ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament 2016/679.

<sup>3</sup> Il-Linji gwida 4/2018 dwar l-akkreditament tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (2016/679).

<sup>4</sup> Il-Linji Gwida 05/2021 dwar l-Interazzjoni bejn l-applikazzjoni tal-Artikolu 3 u d-dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti internazzjonali skont il-Kapitolu V tal-GDPR, paġna 4.

dispożizzjonijiet ġenerali tal-GDPR u bħala t-tieni stadju, iridu jiġu rrispettati d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tal-GDPR.



4. Fl-Artikolu 46 tiegħu, il-GDPR jispjega li “fin-nuqqas ta’ deċiżjoni skont l-Artikolu 45(3), kontrollur jew proċessur jista’ jittrasferixxi *data* personali lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali biss jekk il-kontrollur jew il-proċessur ikun ipprova salvagwardji xierqa, u bil-kondizzjoni li jkunu disponibbli drittijiet infurzabbli tas-suġġett tad-*data* u rimedji legali effettivi għas-suġġetti tad-*data*”. Skont l-Artikolu 46(2)(f) tal-GDPR, tali salvagwardji xierqa jistgħu jiġu previsti minn mekkaniżmu ta’ ċertifikazzjoni approvat flimkien ma’ impenji vinkolanti u infurzabbli tal-kontrollur jew tal-proċessur fil-pajjiż terz biex jiġu applikati s-salvagwardji xierqa, inkluż fir-rigward tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.
5. B’rizzultat ta’ dan, l-esportatur tad-*data* jista’ jiddeċiedi li jibbaża fuq iċ-ċertifikazzjoni miksuba minn importatur tad-*data* bħala element biex juri l-konformità mal-obbligi tiegħu eż. skont l-Artikolu 24(3) jew l-Artikolu 28(5) tal-GDPR. L-importatur tad-*data* jista’ jiddeċiedi li japplika għaċ-ċertifikazzjoni biex juri li hemm fis-seħħ salvagwardji xierqa.
6. Kemm l-esportatur tad-*data* kif ukoll l-importatur tad-*data* jistgħu jissodisfaw rwoli differenti (pereżempju bħala kontrollur jew proċessur)<sup>5</sup>, skont l-ipproċessar fil-Kapitolu V, li jwassal għal responsabbiltajiet differenti:



7. Minbarra l-użu ta’ ċertifikazzjoni jew kwalunkwe għodda jew mekkaniżmu ieħor ta’ trasferiment imsemmi fl-Artikoli 45 u 46, l-Artikolu 49 tal-GDPR jistipula li f’għadd limitat ta’ sitwazzjonijiet speċifiċi, it-trasferimenti internazzjonali tad-*data* jistgħu jsiru meta ma jiġi rrispettat l-ebda mekkaniżmu ieħor

<sup>5</sup> Ara hawn taħt: L-IMPLIMENTAZZJONI TA’ GWIDA DWAR IL-KRITERJI TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI.

fil-Kapitolu V.<sup>6</sup> Madankollu, kif spjegat fil-gwida preċedenti maħruġa mill-EDPB, id-derogi previsti fl-Artikolu 49 tal-GDPR iridu jiġu interpretati b'mod restrittiv u jridu jkunu relatati l-aktar ma' attivitajiet ta' pproċessar li huma okkażjonali u mhux ripetittivi<sup>7</sup>.

### 1.3 Min huma l-atturi involuti u x'inhom r-rwol tagħhom għaċ-ċertifikazzjoni bħala għodda għat-trasferimenti?

8. **Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB)** għandu s-setgħa li japprova kriterji ta' ċertifikazzjoni madwar iż-ŻEE (Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data) u li jipprovdi opinjonijiet dwar l-abbozzi tad-deċiżjonijiet tal-Awtoritajiet Superviżorji dwar il-kriterji ta' ċertifikazzjoni u r-rekwiżiti ta' akkreditament tal-korpi ta' ċertifikazzjoni sabiex tiġi żgurata l-konsistenza. Huwa kompetenti wkoll biex jiġbor flimkien il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni u s-siġilli u l-marki kollha tal-protezzjoni tad-*data* f'reġistru u jagħmilhom disponibbli għall-pubbliku<sup>8</sup>.
9. **L-Awtoritajiet ta' Sorveljanza (SAs)** japprovaw il-kriterji ta' ċertifikazzjoni meta l-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni ma jkunx Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data<sup>9</sup>. Dawn jistgħu jakkreditaw ukoll lill-korp taċ-ċertifikazzjoni, ifasslu l-kriterji taċ-ċertifikazzjoni u joħroġu ċertifikazzjoni jekk ikunu stabbiliti mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tagħhom<sup>10</sup>.
10. **Il-Korp Nazzjonali ta' Akkreditament** jista' jakkredita korpi ta' ċertifikazzjoni ta' partijiet terzi billi juża l-ISO 17065 u r-rekwiżiti addizzjonali ta' akkreditament tal-SAs, li għandhom ikunu konformi mat-taqsimha 2 ta' dawn il-linji gwida. F'xi Stati Membri, l-akkreditament jista' jiġi offrut kemm mill-SA kompetenti kif ukoll billi jitwettag minn korp nazzjonali ta' akkreditament jew mit-tnejn li huma.
11. **Is-Sid tal-iskema** huwa organizzazzjoni li stabbiliet kriterji ta' ċertifikazzjoni u r-rekwiżiti ta' metodoloġija li abbażi tagħhom għandha tiġi vvalutata l-konformità. L-organizzazzjoni li twettaq il-valutazzjonijiet tista' tkun l-istess organizzazzjoni li żviluppat u li għandha s-sjeda tal-iskema, iżda jista' jkun hemm arranġamenti fejn organizzazzjoni waħda tkun is-sid tal-iskema, u organizzazzjoni oħra (jew aktar minn waħda oħra) twettaq il-valutazzjonijiet bħala l-Korp taċ-Ċertifikazzjoni.
12. Skont il-liġi nazzjonali, alternattivament għall-SAs, **il-Korp taċ-ċertifikazzjoni** akkreditat kif imsemmi hawn fuq, jista' joħroġ iċ-ċertifikazzjonijiet<sup>11</sup>. Huwa jista' jfassal kriterji ta' ċertifikazzjoni u, għalhekk, ikun is-sidien tal-iskema (ara l-paragrafu 11 hawn fuq). Huwa jrid ikollu stabbiliment fiż-ŻEE b'mod partikolari sabiex jippermetti l-eżerċitar effettiv tas-setgħat korrettivi stabbiliti fl-Artikolu 58(2)(f) tal-GDPR. Iżda l-korp taċ-ċertifikazzjoni jista' jissottokuntratta attivitajiet lil esperti jew lil stabbilimenti lokali barra miż-ŻEE li jwettqu attivitajiet ta' awditjar f'ismu<sup>12</sup>. Madankollu, korp taċ-ċertifikazzjoni ma għandux jissottokuntratta d-deċiżjoni dwar l-għoti jew in-nuqqas ta' għoti ta' ċertifikazzjoni.
13. **L-Importatur tad-Data** huwa l-entità (kontrollur jew pproċessur) fil-pajjiż terz li tirċievi *data* mingħand esportatur tad-*data*.

---

<sup>6</sup> Għal aktar informazzjoni dwar l-Artikolu 49 u l-interazzjoni tiegħu mal-Artikolu 46 b'mod ġenerali, jekk jogħġbok ara l-Linji Gwida 2/2018 dwar id-derogi tal-Artikolu 49 skont ir-Regolament 2016/679.

<sup>7</sup> Il-Linji Gwida 2/2018 dwar id-derogi tal-Artikolu 49 skont ir-Regolament 2016/679, paġna 5.

<sup>8</sup> L-Artikolu 42(8) tal-GDPR.

<sup>9</sup> Il-Linji gwida 1/2018 dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-identifikazzjoni ta' kriterji taċ-ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament 2016/679, punt 2.2.

<sup>10</sup> L-Artikoli 42(5) u 43(1) tal-GDPR.

<sup>11</sup> L-Artikolu 42(5) tal-GDPR.


<sup>12</sup> Il-korpi ta' ċertifikazzjoni jridu jivalutaw l-esperti lokali tagħhom f'konformità mal-ISO 17065 u r-rekwiżiti addizzjonali għall-akkreditament stabbiliti mill-awtorità superviżorja (l-Artikolu 43(1)(b) tal-GDPR).



14. L-Esportatur tad-Data huwa l-entità (kontrollur jew proċessur) li tittrasferixxi data miż-ŻEE lil importatur tad-data. L-esportatur tad-data jrid jiżgura l-konformità mal-Kapitolu V.

#### 1.4 X'inhuma l-kamp ta' applikazzjoni u l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni bħala għodda għat-trasferimenti?

15. Mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni bħala għodda ta' trasferiment skont l-Artikolu 42(2) irid ikollu l-għan li jiżgura salvagwardji xierqa għall-ipproċessar ta' data personali skont it-termini tal-Artikolu 46(2)(f). Iċ-ċertifikazzjoni għandha turi l-eżistenza ta' salvagwardji xierqa pprovduti minn kontrolluri jew minn proċessuri barra miż-ŻEE jew li jikkostitwixxu organizzazzjoni internazzjonali li tirċievi data mingħand kontrolluri jew proċessuri taż-ŻEE biex jiġu miġġielda r-riskji speċifiċi tat-trasferiment ta' data personali.
16. B'mod ġenerali, l-operazzjoni tat-trasferiment ta' data personali minn Stat Membru lejn pajjiż terz tikkostitwixxi, fiha nnifisha, l-ipproċessar ta' data personali skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2) tal-GDPR, imwettaq fi Stat Membru<sup>13</sup> u għalhekk ċertifikabli skont l-Artikolu 42 (1) tal-GDPR. Madankollu, xi sitwazzjonijiet, skont il-kuntest, jistgħu jinkludu t-tranżitu fil-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni bħala għodda għat-trasferimenti. Konsegwentement, l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni – li jikkoinċidi mal-Mira tal-Evalwazzjoni (ToE) matul iċ-ċertifikazzjoni<sup>14</sup> - ġeneralment għandu jkun l-ipproċessar tad-data riċevuta miż-ŻEE mill-importatur tad-data fil-pajjiż terz u fi tranżitu, jekk taħt il-kontroll tal-importatur.



17. L-oġġett taċ-ċertifikazzjoni jista' jkun operazzjoni ta' pproċessar waħda jew sett ta' operazzjonijiet. Dawn jistgħu jinkludu proċessi ta' governanza fis-sens ta' miżuri organizzazzjonali u għalhekk bħala partijiet integrali minn operazzjoni ta' pproċessar<sup>15</sup>.
18. Għalhekk, l-entità li tapplika tkun l-importatur tad-data fil-pajjiż terz fir-rigward tal-oġġett ta' ċertifikazzjoni tagħha.

#### 1.5 X'għandu jkun ir-rwol tal-esportatur fl-użu taċ-ċertifikazzjoni bħala għodda għat-trasferimenti?

19. It-trasferiment mill-esportatur tad-data bħala tali ġeneralment jaqa' direttament taħt il-GDPR. Dan ifisser li l-esportatur huwa meħtieġ jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont il-GDPR u b'mod partikolari biex jiżgura li d-data tiġi ttrasferita b'mod sigur f'konformità mal-Artikolu 32 u l-Kapitolu V sabiex jiġi

<sup>13</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-311/18 - Data Protection Commissioner vs Facebook Ireland u Maximillian Schrems, il-punt 83.

<sup>14</sup> Il-Linji gwida 1/2018 dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-identifikazzjoni ta' kriterji taċ-ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament 2016/679, paġna 17.

<sup>15</sup> Il-Linji Gwida 1/2018 dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-identifikazzjoni tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament 2016/679, paġna 16 (eż. mekkaniżmu għall-ġestjoni tal-ilmenti).

żgurat li l-livell ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi ggarantit minn dak ir-regolament ma jiġix imminat (l-Artikolu 44 tal-GDPR)<sup>16</sup>. Naturalment, dan jista' jiġi ċertifikat skont l-Artikolu 42(1).

20. Barra minn hekk, l-esportatur tad-*data* li jrid juża ċertifikazzjoni bħala salvagwardja xierqa skont l-Artikolu 46(2)(f) tal-GDPR huwa b'mod partikolari obbligat li jivverifika jekk iċ-ċertifikazzjoni li biĥsiebu jibbaża fuqha hijiex effettiva fid-dawl tal-karatteristiċi tal-ipproċessar maħsub. Għal dak il-għan, l-esportatur tad-*data* jrid jikkontrolla iċ-ċertifikazzjoni maħruġa sabiex jivverifika jekk iċ-ċertifikat huwiex validu u li ma skadiex, jekk ikoprix it-trasferiment speċifiku li għandu jitwettaq u jekk it-tranżitu ta' *data* personali huwiex fil-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni, kif ukoll jekk hemmx involuti trasferimenti ulterjuri u jekk hemmx ipprovduta dokumentazzjoni adegwata dwarhom. Barra minn hekk, l-esportatur għandu jivverifika li l-korp taċ-ċertifikazzjoni li joħroġ iċ-ċertifikazzjoni huwa akkreditat minn korp nazzjonali ta' akkreditament jew minn awtorità superviżorja kompetenti. Barra minn hekk, l-esportatur tad-*data* għandu jirreferi għall-użu taċ-ċertifikazzjoni bħala għodda għat-trasferiment fil-kuntratt tal-ipproċessar tad-*data* skont l-Artikolu 28 tal-GDPR f'każ ta' trasferimenti minn kontrollur għal proċessur jew kuntratt ta' kondiviżjoni tad-*data* mal-importatur tad-*data* f'każ ta' trasferimenti minn kontrollur għal kontrollur.
21. Meta jitqies li l-esportatur huwa responsabbli għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha fil-Kapitolu V, huwa għandu jivvaluta wkoll jekk iċ-ċertifikazzjoni li beħsiebu jibbaża fuqha bħala għodda għat-trasferimenti hijiex effettiva fid-dawl tal-liġi u l-prattiki fis-seħħ fil-pajjiż terz li huma rilevanti għat-trasferiment inkwistjoni. Għall-finijiet ta' din il-valutazzjoni u bħala element importanti li permezz tiegħu għandha tintwera l-konformità mar-responsabbiltà tiegħu, l-esportatur tad-*data* jista' jibbaża fuq il-verifika mwettqa mill-korp ta' ċertifikazzjoni tal-valutazzjoni dokumentata tal-importatur tal-liġijiet u l-prattiki tal-pajjiż terz.
22. F'każ li l-valutazzjoni tal-importatur tkun żvelat li huwa u/jew l-esportatur tad-*data* jista' jkollhom bżonn jipprovduti miżuri supplimentari previsti miċ-ċertifikazzjoni biex jiġi żgurat livell essenzjalment ekwivalenti ta' protezzjoni kif previst fiż-ŻEE, l-esportatur tad-*data* jrid jivverifika l-miżuri supplimentari pprovduti mill-importatur tad-*data* li jkollu ċertifikazzjoni u jekk ikunx jista' jwieġeb għall-miżuri tekniċi u (jekk ikun hemm) supplimentari mitluba mill-importatur tad-*data*.
23. Jekk dawk l-istipulazzjonijiet ma jiġux issodisfati, l-esportatur tad-*data* jkollu jitlob lill-importatur jistabbilixxi miżuri supplimentari adattati jew jistabbilixxihom huwa stess.

## 1.6 X'inhu l-proċess għaċ-ċertifikazzjoni bħala għodda għat-trasferimenti?

24. Iċ-ċertifikazzjoni hija volontarja, iżda meta tintalab trid tingħata permezz ta' proċess trasparenti bbażat fuq regoli obligatorji. Il-GDPR ipoġġi fiduċja konsiderevoli fil-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni privati bħala "awtoregolamentazzjoni regolata". Għaldaqstant, dawk il-mekkaniżmi jridu jiżguraw li iċ-ċertifikati jissodisfaw b'mod materjali r-rekwiżiti għal salvagwardji xierqa kif definit fl-Artikolu 46 tal-GDPR.

---

<sup>16</sup> F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi nnotat li l-Artikolu 44 tal-GDPR jipprevedi b'mod ċar li trasferiment jista' mhux biss jitwettaq minn kontrollur iżda wkoll minn proċessur. Għalhekk, se jkun hemm sitwazzjoni ta' trasferiment fejn proċessur jibgħat *data* lil proċessur ieħor jew anki lil kontrollur f'pajjiż terz kif mitlub mill-kontrollur tiegħu (l-Artikolu 28(3)(a) tal-GDPR). F'dawn il-każijiet, il-proċessur jaġixxi bħala esportatur tad-*data* f'isem il-kontrollur u għandu jiżgura li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V jiġu rrispettati għat-trasferiment inkwistjoni skont l-istruzzjonijiet tal-kontrollur, inkluż li tintuża għodda ta' trasferiment xierqa. Meta jitqies li t-trasferiment huwa attività ta' pproċessar imwettqa f'isem il-kontrollur, il-kontrollur huwa responsabbli wkoll u jista' jkun responsabbli skont il-Kapitolu V, u għandu jiżgura wkoll li l-proċessur jipprevedi garanziji suffiċjenti skont l-Artikolu 28.

25. Għalhekk, iċ-ċertifikazzjoni trid tkun ibbażata fuq l-evalwazzjoni tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni skont metodoloġija tal-awditjar vinkolanti. Dawk il-kriterji se jiġu approvati mill-SAs nazzjonali jew mill-EDPB kif deskritt fl-Artikolu 42(5) tal-GDPR. Il-kriterji għaċ-ċertifikazzjoni għandhom jinkludu rekwiżiti għal valutazzjoni tal-ipproċessar imwettaq mill-importatur tad-*data*, inklużi trasferimenti ulterjuri, u tal-qafas legali rilevanti tal-pajjiż terz, biex jiġi evitat li r-regoli u l-prattiki tal-pajjiż terz jimpedixxu lill-importatur milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont iċ-ċertifikazzjoni.
26. Matul il-proċess taċ-ċertifikazzjoni, il-Mira tal-Evalwazzjoni għandha tiġi vverifikata skont il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni minn korp taċ-ċertifikazzjoni akkreditat mill-korp nazzjonali tal-akkreditament jew mill-SA kompetenti<sup>17</sup>.
27. Skont l-Artikolu 43(1) tal-GDPR, il-korpi ta' ċertifikazzjoni li għandhom livell xieraq ta' għarfien espert fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* għandhom, wara li jinformat lill-SA sabiex din tkun tista' teżerċita s-setgħat tagħha skont l-Artikolu 58(2)(h) tal-GDPR fejn meħtieġ, joħroġu u jġeddu ċ-ċertifikazzjoni.
28. Skont l-Artikolu 43(5) tal-GDPR, il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom jipprovdu lill-SAs kompetenti bir-raġunijiet għall-għoti jew għall-irtirar taċ-ċertifikazzjoni mitluba. Dan ma jfissirx li l-korp taċ-ċertifikazzjoni jeħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-SA sabiex joħroġ iċ-ċertifikazzjoni. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni se jkun qed jimmonitorja l-konformità tal-klijenti tiegħu mal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni.
29. L-SA għandha s-setgħa korrettiva li tirtira ċertifikazzjoni jew li tordna li tiġi rtirata ċertifikazzjoni maħruġa skont l-Artikoli 42 u 43 tal-GDPR, jew li tordna lill-korp ta' ċertifikazzjoni ma joħroġx ċertifikazzjoni jekk ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni ma jibqgħux jiġu ssodisfati.
30. Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* għat-trasferimenti internazzjonali tad-*data* jista' jservi bħala għodda biex ikopri t-trasferimenti lejn pajjiżi terzi flimkien ma' impenji vinkolanti u infurzabbli<sup>18</sup>.
31. Madankollu, iċ-ċertifikazzjonijiet li għandhom jintużaw bħala għodda għat-trasferimenti jistgħu jinħarġu wkoll skont l-iskemi nazzjonali ta' ċertifikazzjoni approvati fl-Istati taż-ŻEE. Bħala tali, huma validi biss għal trasferimenti lejn pajjiżi terzi minn esportaturi fl-Istat Membru taż-ŻEE fejn l-iskema ta' ċertifikazzjoni ġiet approvata peress li ma hemm l-ebda rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikazzjonijiet differenti tal-istati taż-ŻEE. Iżda l-SAs fi stati taż-ŻEE differenti huma liberi li japprovaw l-istess mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni għat-trasferimenti<sup>19</sup>.

---

<sup>17</sup> Il-Linji gwida 4/2018 dwar l-akkreditament tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (2016/679), p. 9.

<sup>18</sup> Ara l-Artikolu 42(5) tal-GDPR u l-paragrafu 35 tal-Linji Gwida 1/2018 tal-EDPB dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-identifikazzjoni ta' kriterji ta' ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament.

<sup>19</sup> Jekk SA tmexxi l-adozzjoni tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni X taħt l-inizjattiva nazzjonali tagħha u, wara dan, b'kont meħud tal-kriterji tal-iskema u r-regolamenti nazzjonali speċifiċi applikabbli, pajjiżi oħra jkunu jixtiequ jadottaw l-istess kriterji ta' ċertifikazzjoni, huma jistgħu jadottawhom mingħajr ma jagħtu bidu għal opinjoni tal-EDPB skont l-Artikolu 64 tal-GDPR u jibbażaw fuq l-opinjoni mogħtija lill-ewwel SA, skont l-Artikolu 64(3) tal-GDPR (ara, f'dan ir-rigward, ir-Referenza għall-Gwida – Addendum (Anness tal-Linji Gwida 1/2018 dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-identifikazzjoni tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament), il-paragrafu 66.

## 2 IMPLIMENTAZZJONI TA' GWIDA DWAR IR-REKWIŻITI TA' AKKREDITAMENT

32. Ir-rekwiżiti għall-akkreditament ta' korp taċ-ċertifikazzjoni fir-rigward taċ-ċertifikazzjonijiet bħala għodda għat-trasferimenti jinsabu fl-ISO 17065 u billi l-Linji Gwida 4/2018 jiġu interpretati<sup>20</sup> fl-isfond tal-Kapitolu V, kif spjegat hawn taħt.
33. Fl-opinjoni tal-EDPB, ir-rekwiżiti ta' akkreditament addizzjonali abbozzati abbażi tal-Linji Gwida 4/2018 u ISO 17065 adottati skont l-Artikolu 64(1)(c) tal-GDPR diġà jkopru r-rekwiżiti speċifiċi meħtieġa għall-akkreditament ta' korp taċ-ċertifikazzjoni fir-rigward taċ-ċertifikazzjonijiet bħala għodda għat-trasferimenti. Madankollu, f'xenarju ta' trasferiment, xi rekwiżiti jeħtieġu xi rfinar f'termini ta' noti ta' spjegazzjoni u interpretazzjoni.
34. Fir-rigward tar-rekwiżiti tar-riżorsi (ara r-rekwiżit 6 tal-Linji Gwida 4/2018 - l-Anness 1), il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jiżgura li jkollu r-riżorsi meħtieġa biex ikun jista' jivverifika li, kif meħtieġ mill-kriterji taċ-ċertifikazzjoni, l-importatur wettaq kif xieraq u b'mod korrett il-valutazzjoni meħtieġa tas-sitwazzjoni u l-prattiki legali tal-pajjiż(i) terz(i) fejn huwa stabbilit jew jopera<sup>21</sup>. Din il-valutazzjoni għandha titwettaq fir-rigward tal-attivitajiet ta' pproċessar li għandhom jiġu ċċertifikati bħala parti mit-ToE fir-rigward tas-salvagwardji xierqa mill-Artikolu 46 tal-GDPR, u tinkludi l-miżuri supplimentari identifikati u implimentati mill-importatur, fejn meħtieġ. Dan jinkludi wkoll, pereżempju, għarfien sinifikanti tal-liġijiet u l-prattiki lokali rilevanti u ħiliet lingwistiċi adegwati fir-rigward tal-pajjiż(i) terz(i).
35. Fir-rigward tar-rekwiżiti tal-proċess (ara r-rekwiżit 7 tal-Linji Gwida 4/2018 Anness 1), il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jiżgura li l-proċess taċ-ċertifikazzjoni jista' jkun sostnut minn awditi possibbli fuq il-post, jitwettaq fir-rigward tal-ipproċessar li se jsir fil-pajjiż(i) terz(i), u li l-valutazzjoni tkopri wkoll l-implimentazzjoni fil-prattika tal-liġijiet u l-politiki eżistenti fil-pajjiż(i) terz(i).
36. Fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-bidliet li jaffettwaw iċ-ċertifikazzjoni (ara r-rekwiżit 7.10 tal-Linji Gwida 4/2018 Anness 1), il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jimmonitorja l-bidliet fil-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz u/jew fil-ġuriżprudenza li jista' jkollhom impatt fuq l-ipproċessar li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-ToE.

## 3 KRITERJI TA' ĊERTIFIKAZZJONI SPEĊIFIĊI

37. Fil-kuntest tal-kunsiderazzjoni tal-kriterji speċifiċi taċ-ċertifikazzjoni, dawn il-linji gwida huma bbażati fuq il-Linji Gwida 1/2018 dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-identifikazzjoni tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament (Verżjoni 3. 0), l-Anness 2 korrispondenti dwar ir-rieżami u l-valutazzjoni tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 42(5) u l-Addendum tal-Gwida dwar il-valutazzjoni tal-kriterji taċ-Ċertifikazzjoni.
38. Fl-opinjoni tal-EDPB, il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni abbozzati abbażi tal-Linji Gwida 1/2018 l-Anness 2 u l-Gwida dwar il-valutazzjoni tal-kriterji taċ-Ċertifikazzjoni – Addendum, diġà jkopru l-maġġoranza tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni li jeħtieġ li jitqiesu meta tiġi abbozzata skema ta' ċertifikazzjoni li għandha tintuża bħala għodda għat-trasferimenti. Madankollu, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu speċifikati ulterjorment uħud minn dawn il-kriterji eżistenti biex jitfasslu għal xenarju speċifiku ta' trasferiment

---

<sup>20</sup> Il-Linji Gwida 4/2018 dwar l-akkreditament tal-korpi ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43 tal-GDPR u l-Anness tiegħu.

<sup>21</sup> Ara l-paragrafu 12 hawn fuq.

(ara l-paragrafu 3.1). Barra minn hekk, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu fformulati kriterji addizzjonali għall-fini tal-applikazzjoni ta' salvagwardji xierqa, inkluż fir-rigward tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* (ara l-paragrafu 3.2).

### 3.1 IMPLIMENTAZZJONI TA' GWIDA DWAR IL-KRITERJI TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI

39. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni u l-mira tal-evalwazzjoni (TOE) (ara l-Anness 2, it-Taqsima 2.a), dan għandu jiġi deskritt b'mod ċar fid-dokumentazzjoni rilevanti inkluż fir-rigward tat-trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiż terz jew jekk huwiex maħsub li jkopri wkoll it-tranżitu tagħhom.
40. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni u l-mira tal-evalwazzjoni (TOE) (ara l-Anness 2, it-Taqsima 2.b), id-dokumentazzjoni rilevanti għandha tiddeskrivi b'mod konkret għal liema tip ta' entità (eż: il-kontrollur u/jew il-proċessur) huwa applikabbli l-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni.
41. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni u l-mira tal-evalwazzjoni (TOE) (ara t-Taqsima 2.f tal-Anness 2), il-kriterji għandhom jirrikjedu li t-ToE tiġi definita b'mod konkret sabiex jiġi evitat nuqqas ta' ftehim. Dan għandu jinkludi mill-inqas:
42. L-operazzjoni(jiet) tal-ipproċessar, inkluż f'każ li jiġu previsti trasferimenti ulterjuri
  - a) l-iskop
  - b) it-tip ta' entità (eż: kontrollur u/jew proċessur)
  - c) it-tip ta' *data* ttrasferita filwaqt li jitqies jekk hijiex involuta kategorija speċjali ta' *data* personali kif definit fl-Artikolu 9 tal-GDPR
  - d) il-kategoriji tas-suġġetti tad-*data*
  - e) il-pajjiżi fejn iseħħ l-ipproċessar tad-*data*
43. Fir-rigward tat-Trasparenza u d-drittijiet tas-suġġetti tad-*Data* (ara l-Anness 2, it-Taqsima 8), il-kriterji ta' ċertifikazzjoni għandhom:
  - a) jirrikjedu li l-informazzjoni dwar l-attivitàjiet ta' pproċessar għandha tiġi pprovduta lis-suġġetti tad-*data*, inkluż, fejn rilevanti, dwar it-trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali (ara l-Artikoli 12, 13, 14 tal-GDPR)
  - b) jirrikjedu li s-suġġetti tad-*data* jiġu ggarantiti d-drittijiet tagħhom ta' aċċess, rettifika, tħassir, restrizzjoni, notifika rigward rettifika jew tħassir jew restrizzjoni, oġġezzjoni għall-ipproċessar, dritt li ma jkunux soġġetti għal deċiżjonijiet ibbażati biss fuq ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profil, essenzjalment ekwivalenti għal dawk previsti mill-Artikoli 15 sa 19, 21, u 22 tal-GDPR
  - c) jirrikjedu li tiġi stabbilita proċedura xierqa għall-ġestjoni tal-ilmenti mill-importatur tad-*data* li jkollu ċertifikazzjoni sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*
  - d) jirrikjedu li jiġi vvalutat jekk dawn id-drittijiet humiex infurzabbli għas-suġġetti tad-*data* fil-pajjiż terz rilevanti u kwalunkwe miżura xierqa addizzjonali li jista' jkollha bżonn tiġi stabbilita biex jiġu infurzati, u sa liema punt, eż. il-ħtieġa li l-importatur jaċċetta li jissottometti lilu nnifsu għall-ġurisdizzjoni u jikkoopera mal-awtorità superviżorja kompetenti għall-esportatur(i) fi kwalunkwe proċedura mmirata lejn l-iżgurar tal-konformità ma' dawn id-drittijiet u, b'mod

partikolari, li huwa jaqbel li jwieġeb għall-mistoqsijiet, jissottometti ruħu għall-awditu u jikkonforma mal-miżuri adottati mill-awtorità superviżorja msemmija hawn fuq, inklużi miżuri ta' rimedju u ta' kumpens.

44. Fir-rigward tal-miżuri tekniċi u organizzazzjonali li jggarantixxu l-protezzjoni (l-Anness 2, it-Taqsima 10.q), il-kriterji ta' ċertifikazzjoni għandhom jirrikjedu li l-importatur jinforma lill-esportatur u, jekk l-importatur jaġixxi bħala kontrollur, li jinnotifika lill-SA fiż-ŻEE kompetenti għall-esportatur(i) tad-*data* dwar ksur tad-*data* u li jikkomunikahom lis-suġġetti tad-*data* meta l-ksur x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u għal-libertajiet tagħhom, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 34 tal-GDPR.

### 3.2 KRITERJI SPEĊIFIĊI ADDIZZJONALI TA' ĊERTIFIKAZZJONI

45. Fid-dawl tas-salvagwardji identifikati għal strumenti oħra ta' trasferiment skont l-Artikolu 46 tal-GDPR (bħal regoli korporattivi vinkolanti jew kodiċijiet ta' kondotta) u sabiex jiġi żgurat livell konsistenti ta' protezzjoni, u filwaqt li titqies is-sentenza Schrems II tal-QĠUE, l-EDPB iqis li l-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni li għandu jintuża bħala għodda għat-trasferimenti lejn pajjiżi terzi, għandu jinkludi wkoll il-kriterji elenkati hawn taħt.

#### 1. Valutazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-pajjiżi terzi

- a) Il-kriterji jirrikjedu li l-importatur ikun ivaluta r-regoli u l-prattiki tal-pajjiżi terzi fejn jopera u jekk dawn jimpedixxux lill-importatur milli jikkonforma mal-impenji tiegħu skont iċ-ċertifikazzjoni?
- b) Il-kriterji jirrikjedu li l-importatur jiddokumenta l-valutazzjoni tar-regoli u l-prattiki tal-pajjiżi terzi fejn jopera u jżomm id-dokumentazzjoni disponibbli għall-korp taċ-ċertifikazzjoni u fuq talba għall-SA fiż-ŻEE kompetenti għall-esportatur tad-*data* u għall-esportatur tad-*data*?
- c) Il-kriterji jirrikjedu li l-importatur ikun identifika u implimenta l-miżuri organizzazzjonali u tekniċi biex jipprovdri s-salvagwardji xierqa skont l-Artikolu 46 tal-GDPR filwaqt li jitqiesu r-“Rakkomandazzjonijiet 01/2020 dwar miżuri li jissupplimentaw l-għodod ta' trasferiment biex tiġi żgurata l-konformità mal-livell ta' protezzjoni tad-*data* personali tal-UE”?
- d) Il-kriterji jirrikjedu li l-importatur jiddokumenta l-miżuri organizzazzjonali u tekniċi implimentati b'mod effettiv biex jipprovdri s-salvagwardji xierqa skont l-Artikolu 46 tal-GDPR u jżomm id-dokumentazzjoni disponibbli għall-korp taċ-ċertifikazzjoni u fuq talba għall-awtoritajiet kompetenti tal-protezzjoni tad-*data* u għall-esportatur tad-*data*?
- e) Il-kriterji jirrikjedu li l-importatur ikun identifika u implimenta l-miżuri organizzazzjonali u tekniċi biex jiżgura s-sigurtà tad-*data* personali ttrasferita, filwaqt li jitqiesu r-“Rakkomandazzjonijiet 01/2020 dwar miżuri li jissupplimentaw għodod ta' trasferiment biex tiġi żgurata l-konformità mal-livell tal-UE ta' protezzjoni tad-*data* personali” jekk it-tranżitu huwa inkluż fl-ambitu taċ-ċertifikazzjoni bħala għodda għat-trasferimenti?
- f) Il-kriterji jirrikjedu garanzija għall-korp taċ-ċertifikazzjoni u għall-esportatur li l-importatur ma għandu l-ebda raġuni biex jemmen li l-leġiżlazzjoni u l-prattiki applikabbli għalih jistgħu jwaqqfuh milli huwa jissodisfa l-obbligi tiegħu skont iċ-ċertifikazzjoni?

#### 2. Obbligi ġenerali tal-esportaturi u tal-importaturi

- a) Il-kriterji jirrikjedu li fi ftehimiet kuntrattwali (eż. f'kuntratt ta' servizz eżistenti) bejn l-esportaturi u l-importaturi tiġi stabbilita deskrizzjoni tat-trasferiment speċifiku li għalih tapplika iċ-ċertifikazzjoni u li d-drittijiet tal-benefiċjarji ta' partijiet terzi huma rikonoxxuti għas-suġġetti tad-*data* kkonċernati?

- b) Sa fejn il-kriterji jirrikjedu kontenut speċifiku għal dawn il-ftehimiet jew strumenti kuntrattwali u jiġi pprovdut mudell, il-kriterji jirrikjedu li dawn ikunu wkoll is-suġġett tal-evalwazzjoni?

### 3. Regoli dwar trasferimenti ulterjuri

- a) Il-kriterji jirrikjedu li trasferimenti ulterjuri jkunu soġġetti għal salvagwardji speċifiċi f'konformità mar-rekwiżiti tal-Kapitolu V tal-GDPR sabiex jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni żgurat fiż-ŻEE ma jiġix imminat u l-kriterji jirrikjedu li tinżamm disponibbli dokumentazzjoni xierqa għall-korp taċ-ċertifikazzjoni u għall-SA fiż-ŻEE kompetenti għall-esportatur(i) tad-*data* u għall-esportatur tad-*data* fuq talba?

### 4. Rimedju u infurzar

- a) Il-kriterji jipprovdu li s-suġġetti tad-*data* jistgħu jinfurzar id-drittijiet tagħhom bħala benefiċjarji ta' parti terza kontra l-importatur tad-*data* quddiem il-qorti taż-ŻEE tar-residenza abitwali tas-suġġett tad-*data*, jew ma' organizzazzjoni internazzjonali, inkluż għal kumpens għal dannu mġarrab mis-suġġett tad-*data* f'każ ta' nuqqas ta' konformità mill-importatur mal-iskema ta' Ċertifikazzjoni rilevanti?
- b) Il-kriterji jippermettu li jiġi vvalutat b'mod adegwat li importatur huwa responsabbli fiż-ŻEE għad-dannu mġarrab mis-suġġett tad-*data* f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-iskema ta' Ċertifikazzjoni rilevanti?
- c) Il-kriterji jirrikjedu li s-suġġetti tad-*data* jkunu jistgħu jressqu lment kontra l-importatur ma' awtorità superviżorja fiż-ŻEE, b'mod partikolari fl-Istat taż-ŻEE tar-residenza abitwali tiegħu jew tagħha, tal-post tax-xogħol jew kompetenti għall-esportatur(i) tad-*data*?
- d) Il-kriterji jirrikjedu li l-importatur jikkoopera mal-awtorità superviżorja fiż-ŻEE kompetenti għall-esportatur(i) tad-*data* u li jaċċetta li jiġi spezzjonat minnu/minnhom, filwaqt li jqis il-parir tiegħu/tagħhom u jirrispetta d-deċiżjonijiet tiegħu/tagħhom?

### 5. Il-proċess u l-azzjonijiet għal sitwazzjonijiet li fihom il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevjeni l-konformità mal-impenji meħuda bħala parti miċ-ċertifikazzjoni

- a) Il-kriterji jirrikjedu impenn li meta l-importatur tad-*data* f'pajjiż terz jew f'organizzazzjoni internazzjonali jkollu raġunijiet biex jemmen li l-bidliet fil-leġiżlazzjoni u fil-prattiki applikabbli għalih jistgħu jżommuh milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont iċ-ċertifikazzjoni, se jinnotifika minnufih dan lill-korp taċ-ċertifikazzjoni u lill-esportatur tad-*data*, sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jevalwa jekk għandux iwaqqaf it-trasferimenti minnufih?
- b) Il-kriterji jirrikjedu deskrizzjoni tal-passi li għandhom jittieħdu (inkluż in-notifika lill-esportatur fiż-ŻEE u t-teħid ta' miżuri addizzjonali xierqa) jekk l-importatur tad-*data* jsir konxju b'leġiżlazzjoni jew bi Prattiki ta' pajjiż terz li jipprevjenu l-konformità mal-obbligi taħt iċ-ċertifikazzjoni, kif ukoll il-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' talbiet għal informazzjoni minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi (inkluż l-obbligu li tiġi rieżaminata u, fejn meħtieġ, tiġi kkontestata l-legalità tat-talba u li tiġi mminimizzata kwalunkwe informazzjoni divulgata)?

### 6. It-trattament tat-talbiet għall-aċċess għad-*data* minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi

- a) Il-kriterji jirrikjedu li l-importatur tad-*data* jinforma minnufih lill-esportatur tad-*data* f'każ ta' talbiet għal aċċess minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u jieħu miżuri addizzjonali xierqa?

- b) Il-kriterji jirrikjedu li t-trasferimenti bħala riżultat ta' talbiet għal aċċess sproporzjonati mill-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari talbiet li jirrikjedu trasferimenti massivi u indiskriminati ta' *data* personali, ma għandhomx isiru?

#### 7. Salvagwardji addizzjonali li jikkonċernaw l-esportatur

46. Il-kriterji jirrikjedu li, fejn ikun previst hekk, l-importatur tad-*data* jiżgura, anke permezz ta' rekwiżiti vinkolanti f'dan ir-rigward għall-esportatur tad-*data*, li l-miżuri supplimentari li jkun identifika jitqabblu ma' miżuri supplimentari korrispondenti min-naħa tal-esportatur tad-*data*, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-EDPB 01/2020 u l-każijiet tal-użu, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-miżuri supplimentari tal-importatur?

## 4 IMPENJI VINKOLANTI U INFURZABBLI LI GĦANDHOM JIĠU IMPLIMENTATI

47. Il-GDPR jirrikjedi fl-Artikolu 42(2) tiegħu li kontrolluri u proċessuri li ma humiex soġġetti għall-GDPR jaderixxu ma' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni maħsub għat-trasferimenti, jieħdu wkoll impenji vinkolanti u infurzabbli, permezz ta' strumenti kuntrattwali jew strumenti oħrajn legalment vinkolanti<sup>22</sup>, biex japplikaw is-salvagwardji xierqa pprovduti mill-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni inkluż fir-rigward tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.
48. Kif speċifikat mill-GDPR, tali impenji jistgħu jittieħdu permezz ta' kuntratt, li jidher bħala l-aktar soluzzjoni sempliċi. Strumenti oħra jistgħu jintużaw ukoll, dment li l-kontrolluri/proċessuri li jaderixxu mal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni jkunu jistgħu juru n-natura vinkolanti u infurzabbli ta' tali mezzi oħrajn.
49. Fi kwalunkwe każ, in-natura vinkolanti u infurzabbli trid tiġi żgurata skont id-dritt tal-Unjoni u l-impenji għandhom ikunu vinkolanti u infurzabbli wkoll mis-suġġetti tad-*data* bħala benefiċjarji ta' partijiet terzi.
50. Għażla sempliċi tkun li jiġu inklużi l-impenji vinkolanti u infurzabbli fil-kuntratt bejn l-esportatur tad-*data* u l-importatur tad-*data*. Fil-prattika, il-partijiet jistgħu jużaw kuntratt eżistenti (eż. ftehim ta' servizz bejn l-esportatur u l-importatur tad-*data*, il-kuntratt ta' ftehim dwar l-ipproċessar tad-*data* f'konformità mal-Artikolu 28 tal-GDPR bejn il-kontrolluri u l-proċessuri, jew ftehim ta' kondiviżjoni tad-*data* bejn kontrolluri separati) li fih jistgħu jiġu inklużi l-impenji vinkolanti u infurzabbli. Dawn l-impenji għandhom ikunu distinti b'mod ċar minn kwalunkwe klawżola oħra. Għażla oħra tista' tkun li kuntratt separat jintuża bħala bażi billi mal-mekkaniżmu ta' trasferiment maħsub għat-trasferimenti jiżdied kuntratt mudell li mbagħad ikun jeħtieġ li jiġi ffirmat minn, pereżempju, kontrolluri/proċessuri fil-pajjiż terz u l-esportaturi tad-*data* kollha tiegħu.
51. Għandu jkun hemm flessibbiltà biex tintgħażel l-aktar għażla xierqa skont is-sitwazzjoni speċifika.
52. Meta l-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni ikun intenzjonat li jintuża għat-trasferimenti u għat-trasferimenti ulterjuri minn proċessur għal subproċessuri, għandha ssir ukoll referenza għall-mekkaniżmu ta'


---

<sup>22</sup> Dan l-istrument legalment vinkolanti ma għandux ikun għodda oħra tal-Kapitolu V (bħal, pereżempju, l-SCC), peress li dawn l-impenji vinkolanti u infurzabbli msemmija fl-Artikolu 46(2)(f) għandhom jiffasslu biex jiżguraw li l-importatur jikkonforma mal-kriterji ta' ċertifikazzjoni.



ċertifikazzjoni u l-istrument li jipprevedi impenji vinkolanti u infurzabbli fil-ftehim tal-proċessur iffirmat bejn il-proċessur u l-kontrollur tiegħu.

Eżempju ta' impenji vinkolanti u infurzabbli inklużi fil-kuntratt bejn l-esportatur tad-*data* u l-importatur tad-*data*:



53. B'mod ġenerali, il-kuntratt jew strument legalment vinkolanti ieħor irid jistabbilixxi li l-kontrollur/proċessur li jkollu ċertifikazzjoni u li jaġixxi bħala importatur jimpenja ruħu li jikkonforma mar-regoli speċifikati fiċ-ċertifikazzjoni maħsuba għat-trasferimenti meta jipproċessa d-*data* rilevanti riċevuta miż-ŻEE u jggarantixxi li ma jkollux raġuni biex jemmen li l-liġijiet u l-prattiki fil-pajjiż terz applikabbli għall-ipproċessar inkwistjoni, inkluż kwalunkwe rekwiżit biex tiġi żvelata *data* personali jew miżuri li jawtorizzaw l-aċċess mill-awtoritajiet pubbliċi, jipprevjenuh milli jissodisfa l-impenji tiegħu skont iċ-ċertifikazzjoni u li se jinforma lill-esportatur dwar kwalunkwe bidla rilevanti fil-leġiżlazzjoni jew fil-prattika f'dan ir-rigward.
54. Il-kuntratt jew strument ieħor għandu jipprevedi wkoll mekkaniżmi li jippermettu l-infurzar ta' tali impenji f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli skont iċ-ċertifikazzjoni mill-kontrollur/proċessur li jaġixxi bħala importatur, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* li d-*data* tagħhom se tiġi ttrasferita skont iċ-ċertifikazzjoni.
55. B'mod aktar partikolari, il-kuntratt jew strument ieħor għandu jindirizza:
  - L-eżistenza ta' dritt għas-suġġetti tad-*data* li d-*data* tagħhom tiġi ttrasferita skont iċ-ċertifikazzjoni biex jinfurzaw bħala benefiċjarji ta' partijiet terzi l-impenji meħuda mill-importatur tad-*data* ċertifikat skont iċ-ċertifikazzjoni.
  - Il-kwistjoni tar-responsabbiltà f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli skont iċ-ċertifikazzjoni minn importatur tad-*data* li jkollu ċertifikazzjoni barra miż-ŻEE. Is-suġġetti tad-*data* għandu jkollhom il-possibbiltà f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli skont iċ-ċertifikazzjoni minn importatur tad-*data* li jkollu ċertifikazzjoni barra miż-ŻEE, li jressqu talba, billi jinvokaw id-dritt ta' benefiċjarju terz tagħhom, inkluż għal kumpens, kontra dik l-entità quddiem SA taż-ŻEE u qorti taż-ŻEE tar-residenza abitwali tas-suġġett tad-*data*. L-importatur li jkollu ċertifikazzjoni għandu jaċċetta d-deċiżjoni tas-suġġett tad-*data* li jagħmel dan. Is-suġġetti tad-*data* għandu jkollhom ukoll il-possibbiltà, f'każ li n-nuqqas ta' konformità mill-importatur ikun jista' jwassal għal responsabbiltà tal-esportatur tad-*data*, li jressqu talba kontra l-esportatur tad-*data* quddiem l-SA jew quddiem il-

qorti tal-istabbiliment tal-esportatur tad-*data* jew tar-residenza abitwali tas-suġġett tad-*data*<sup>23</sup>. L-importatur tad-*data* u l-esportatur tad-*data* għandhom jaċċettaw ukoll li s-suġġett tad-*data* jista' jkun irrappreżentat minn korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 80(1) tal-GDPR.

- L-eżistenza ta' dritt għall-esportatur li jinforza, kontra l-importatur tad-*data* li jkollu ċertifikazzjoni, ir-regoli skont iċ-ċertifikazzjoni bħala benefiċjarju ta' parti terza.
- L-eżistenza ta' obbligu tal-importatur tad-*data* li jkollu ċertifikazzjoni biex jinnotifika lill-esportatur u lill-awtorità superviżorja tal-esportatur tad-*data* bi kwalunkwe miżura meħuda mill-korp taċ-ċertifikazzjoni bi tveġiba għal nuqqas ta' konformità identifikat mar-regoli taċ-ċertifikazzjoni mill-istess importatur tad-*data*.

---

<sup>23</sup> Din ir-responsabbiltà għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmi li għandhom jiġu implimentati skont iċ-ċertifikazzjoni mal-korp ta' monitoraġġ li jista' wkoll jieħu azzjoni kontra l-kontrolluri/proċessuri ċċertifikati f'konformità maċ-ċertifikazzjoni billi jimponi miżuri korrettivi.

## ANNEX

### A. EŻEMPJI TA' MIŻURI SUPPLIMENTARI LI GĦANDHOM JIĠU IMPLIMENTATI MILL-IMPORTATUR F'KAŻ LI T-TRANŻITU JKUN INKLUŻ FL-AMBITU TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI

#### Każ ta' użu 1: Il-ħżin tad-*data* għal backup u għal finijiet oħra li ma jirrikjedux aċċess għad-*data* b'mod ċar

Iridu jiġu stabbiliti kriterji relatati mal-istandards ta' kriptaġġ u mas-sigurtà tal-kjavi tad-dekriptaġġ, b'mod partikolari kriterji relatati mas-sitwazzjoni legali fil-pajjiż terz. Jekk l-importatur jaf jiġi sfurzati jgħaddi kjavi tad-dekriptaġġ, il-miżura addizzjonali ma tistax titqies effettiva<sup>24</sup>.

#### Każ ta' użu 2: It-trasferiment ta' *Data* psewdonimizzata

Fil-każ ta' *data* psewdonimizzata, għandhom jiġu stabbiliti kriterji dwar is-sigurtà tal-informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tiġi attribwita d-*data* trasferita lil persuna identifikata jew identifikabbli, b'mod partikolari:

- Kriterji dwar is-sitwazzjoni legali fil-pajjiż terz. Jekk l-importatur jaf jiġi sfurzati jaċċessa jew juża *data* addizzjonali sabiex jattribwixxi d-*data* lil persuna identifikata jew identifikabbli, il-miżura ma tistax titqies effettiva<sup>25</sup>.

- Kriterji relatati mad-definizzjoni ta' informazzjoni addizzjonali disponibbli għall-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi li jistgħu jkunu biżżejjed biex jattribwixxu d-*data* lil persuna identifikata jew identifikabbli.

#### Każ ta' użu 3: Kriptaġġ tad-*data* biex tiġi protetta mill-aċċess mill-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiż terz tal-importatur meta din tgħaddi bejn l-esportatur u l-importatur tiegħu

Fil-każ ta' *data* kriptata, għandu jiġi inkluż kwalunkwe kriterju għas-sigurtà tat-tranżitu. Jekk l-importatur jaf jiġi sfurzati jgħaddi kjavi kriptografiċi għad-dekriptaġġ jew għall-awtentikazzjoni jew biex jimmodifika komponent użat għat-tranżitu b'tali mod li l-karatteristiċi tas-sigurtà tiegħu jiġu mminati, il-miżura addizzjonali ma tistax titqies effettiva<sup>26</sup>.

#### Każ ta' użu 4: Riċevitur protett

Fil-każ ta' riċevitur protetti, iridu jiġu ddefiniti l-kriterji għal-limiti tal-privileġġ. L-ipproċessar tad-*data* jrid jibqa' fil-limiti tal-privileġġ legali. Dan japplika wkoll għall-ipproċessar minn (sub)proċessuri u trasferimenti ulterjuri, li r-riċevitur tagħhom iridu jkunu privileġġati<sup>27</sup> wkoll.

---

<sup>24</sup> L-Anness 2, ir-Rakkomandazzjonijiet 01/2020 dwar miżuri li jissupplimentaw l-għodod ta' trasferiment biex tiġi żgurata l-konformità mal-livell ta' protezzjoni tad-*data* personali tal-UE, Verżjoni 2.0 Każ tal-użu 1: Il-ħżin tad-*data* għall-backup u għal skopijiet oħra li ma jirrikjedux aċċess għad-*data* b'mod ċar, p. 85; [https://edpb.europa.eu/system/files/2021-06/edpb\\_recommendations\\_202001vo.2.0\\_supplementarymeasurestransferstools\\_en.pdf](https://edpb.europa.eu/system/files/2021-06/edpb_recommendations_202001vo.2.0_supplementarymeasurestransferstools_en.pdf)

<sup>25</sup> Ara qabel, il-paragrafi 86-89.

<sup>26</sup> Ara qabel, il-paragrafu 90.

<sup>27</sup> Ara qabel, il-paragrafu 91.

## B. EŻEMPJI TA' MIŻURI SUPPLIMENTARI F'KAŻ LI T-TRANŻITU MA JKUNX KOPERT MIĊ-ĊERTIFIKAZZJONI U L-ESPORTATUR GĦANDU JIŻGURA DAWN

### Każ ta' użu 2: It-trasferiment ta' *Data* psewdonimizzata

Għandhom jiġu pprovduti kriterji relatati mal-informazzjoni addizzjonali disponibbli għall-awtoritajiet tal-pajjiż terz li jistgħu jkunu biżżejjed biex jattribwixxu d-*data* lil persuna identifikata jew identifikabli.

### Każ ta' użu 3: Kriptaġġ tad-*data* biex tiġi protetta mill-aċċess mill-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiż terz tal-importatur meta din tgħaddi bejn l-esportatur u l-importatur tiegħu

Għandhom jiġu pprovduti kriterji relatati mal-affidabbiltà tal-awtorità jew tal-infrastruttura taċ-ċertifikazzjoni pubblika ewlenija użata, mas-sigurtà tal-kjavi kriptografiċi użati għall-awtentikazzjoni jew għad-dekriptaġġ u mal-affidabbiltà tal-ġestjoni ewlenija, u mal-użu ta' software miżmum kif xieraq mingħajr vulnerabbiltajiet magħrufa.

Jekk l-importatur jaf jiġi sfurzati jżvela kjavi kriptografiċi adatti għad-dekriptaġġ jew għall-awtentikazzjoni jew biex jimmodifika komponent użat għat-tranżitu sabiex jimmina l-karatteristiċi ta' sigurtà tiegħu, il-miżura ma tistax titqies effettiva<sup>28</sup>.

### Każ ta' użu 4: Riċevitur protett

Fil-każ ta' riċevitur protetti, iridu jiġu ddefiniti l-kriterji għal-limiti tal-privileġġ. L-ipproċessar tad-*data* jrid jibqa' fil-limiti tal-privileġġ legali. Dan japplika wkoll għall-ipproċessar minn (sub)proċessuri u trasferimenti ulterjuri, li r-riċevitur tagħhom jeħtiġilhom ikunu privileġġati<sup>29</sup> wkoll.

---

<sup>28</sup> Ara qabel ir-Rakkomandazzjonijiet, il-paragrafu 90.

<sup>29</sup> Ara qabel ir-Rakkomandazzjonijiet, il-paragrafu 91.